MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 149/2003

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmen Micallef**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija u disgha u sebghin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu, (Lm1579.93), rappresentanti ammont minnha dovut rigward servizz telefoniku bin-**

**numru 492733, klient numru 289556, akkont numru 10150383, skond diversi kontijiet mibghuta lilha (prospett hawn anness immarkat Dok A, kuntratt hawn anness immarkat Dok B);**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-presenti, u ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' April ta' l-1999, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi, in linea preliminari, l-eccipjenti tecepixxi illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi minn verifiki li saru l-ittra ufficjali datata 23 t'April, 1999 li qieghda ssir referenza ghaliha fl-avviz ipprezentata mis-socjeta' attrici ma tinstabx fir-Registru u ma tirrizultax mill-kompjuter tal-Qorti u ghalhekk qatt ma giet ipprezentata mis-socjeta' attrici u per konsegwenza qatt ma giet innotifikata biha l-konvenuta;**

**2. Illi, wkoll in linea preliminari, l-eccipjent tecepixxi illi r-rendikont (anness ma' l-Avviz) moghti mis-socjeta' attrici ta' dak li huwa dovut mill-eccipjenti ma jghajjatx lilha stante illi l-isem tal-`customer' hemmhekk imnizzel huwa ta' `Carmel' u mhux `Carmen Micallef';**

**3. Illi l-ammonti mitluba mis-socjeta' attrici m'humiex dovuti u dana fost ohrajn minhabba l-fatt illi l-konvenuta ilha li telqet mill-fond fejn hemm il-linja telefonika in kwistjoni mis-sena 1990 u ghalhekk zgur ma tahtix ghall `calls' li saru minn fuq din il-linja telefonika wara l-imsemmija data;**

**4. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat;**

**5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti prodotti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-pagament ta' l-ammont indikat fl-avviz odjern minghand il-konvenuta u dan a bazi ta' applikazzjoni li l-konvenuta ffirmat, (ara fol 3);**

**2. Illi mill-fattura ta' l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirrizulta li din inharget fuq isem differenti minn dak ta' l-attrici, (ara fol 2);**

**3. Illi anke jirrizulta li l-ittra ufficjali mahruga mis-socjeta' attrici fir-rigward hija wkoll mahruga mhux biss f'isem persuna, izda anke fuq indirizz differenti, (ara fol14);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-persuna indirizzata permezz ta’ din il-procedura hija estranea ghall-obbligi li s-socjeta’ attrici imponiet fuqha;**

**Ghaldaqstant din il-qorti, a skans ta’ dilungar inutili, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet esposti, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------